MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 592/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti izzewwget lill-intimat fil-10 ta’ April 1999 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla u cioe Francesca li llum ghandha tnax-il sena u ghalhekk ghadha minorenni;
2. Illi fis-17 ta’ Gunju 2011 il-kontendenti infirdu permezz ta’ separazzjoni konsenswali ai termini tal-kuntratt pubblikat min-Nutar Victor John Bisazza – kopja legali hawn annessa u markata bhala Dokument “A”;

3. Illi attwalment huma ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn erba` snin stante li l-intimat telaq mid-dar konjugali li kellhom fis-sena 2005;
4. Illi ma hemm ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
5. Illi r-rikorrenti thoss li ghandha taqta` kull rabta mal-intimat u tixtieq li tuzufruwixxi ruhha minn dak li jipprovdi subtitolu IV tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (kif gie emendat bl-effetti tal-Att XIV tas-sena 2012) u allura li tiddivvorzja minn ma’ zewgha b’mod li kull legam mieghu jinqata` darba ghal dejjem;
6. Illi in kwantu jirrigwarda il-manteniment ghat-tifla minuri dan gia gie mahsub ghalih sewwa f’dak li gie miftiehem fil-paragrafu 5 (d) tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni;
7. Illi l-partijiet huma it-tnejn residenti u domiciljati hawn Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti ghal ragunijiet fuq moghtija u cioe` li ilhom separati legalment ghal aktar minn erba` snin u peress li ma hemm ebda possibilita` ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u ;
2. tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi, u kollox kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha huwa eccepixxa:

Illi l-esponenti jaqbel illi l-partjiet izzewgu fl-ghaxra ta’ April ts-sena elf disgha mija u disgha u disghin (10.04.1999) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla u cioe’ Francesca li

ghadha minorrenni peress li ghad ghandha biss tnax-il sena;

Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt datat 17 ta' Gunju 2011, in atti tan-Nutar Victor John Bisazza, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni (vide kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat 'Dok A' mar-rikors promotur);

Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante tirrikonoxxi li ilhom ghal aktar minn erba' snin separati de facto, u llum ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni de quo, il-partijiet m'ghandhomx jghaddu u/jew jiehdu manteniment minghand xulxin, filwaqt li l-esponenti ghandu jhallas mateniment ghall-binthom Francesca skont il-paragrafu 5 (d) tal-kuntratt ta' separazzjoni, u fil-fatt huwa dejjem hallas dan il-manteniment u qatt ma kien hemm xi problema dwar inadempjenza f'dan ir-rigward;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din il-Qorti jogghgobha tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u fl-istess waqt tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta’ Gunju 2011, izda ilhom de facto separati sa mis-sena 2005;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------